Għajnsielem

**MINUTI – LAQGĦAT TAL-KUNSILL**

**IT-TMIEN KUNSILL**

**SEDUTA NRU. 46– It-Tnejn 10 ta' Diċembru 2018**

Il-Kunsill iltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu fiċ-Ċentru Ċiviku fis-7:00pm.

| | | |
|---|---|---|
| Preżenti: | Franco Ciangura | Sindku |
| | Kevin Cauchi | Viċi Sindku |
| | Larry Buttiġieġ | Kunsillier |
| | Peter Caruana | Kunsillier |
| | Kareen Xuereb | Kunsilliera |
| | Lucienne Haber | Segretarju Eżekuttiv |
| Skuzat: | Ryan Mifsud | Ambaxxatur |

46.1.1 Il-laqgħa nbdiet b'talba u ġiet preseduta mis-Sindku Franco Ciangura.

46.2 **Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti**

46.2.1 Inqraw il-Minuti u ġew ikkonfermati.

**46.3 Għażla tan-nominazzjoni għal Ġieħ Għajnsielem**

46.3.1 Is-Segretarju Eżekuttiv fetħet in-nomini kollha mitfugħa.

46.3.2 It-total ta' nomini mitfugħa kienu erbgħin (40).

46.3.3 Is-Segretarja ħarget il-lista tan-nomini li kienu disa' (9) persuni; Justin Buttigieg, Joseph Ciantar, Joseph Sultana, Arcipriet Frankie Bajada, Ghaqda Museum Subien, Ftaternita Frangiskana, Alex Spiteri, Anthony Grech u Socjeta Museum Subien u Bniet Ghajnsielem.

46.3.4 Ġiet ifformulata ballot sheet b'dawn l-ismijiet u sar qbil li peress li n-nominazzjonijiet huma 9, jingħata n-numru 9 lill-aktar favorit u l-1 lill-anqas favorit. Dak il-kandidat li jġib l-akbar numru ta' voti jkun hu li jieħu Ġieħ Għajnsielem 2018.

46.3.5 Wara li saret il-votazzjoni sigrieta, is-Sur Joseph Ciantar, ġab l-akbar numru ta' voti, 31 vot u għalhekk ġie klassifikat bħala r-rebbieħ ta' Ġieħ Għajnsielem 2018.

46.3.6 Sar qbil li s-serata tal-għoti tal-Ġieħ li ser issir fil-Grand Hotel nhar it-Tnejn 17 ta' Diċembru 2018.

**46.4 Għażla tal-istimi tad-dawl tat-toroq.**

35.4.1 Is-Segretarja preżentat ir-rapport tal-evalwazzjoni għall-istima tad-dawl tat-toroq tal-Milied. Għal dawn l-istimi ntefgħu stima waħda biss mingħand Chris Gauci għal prezz ta' €4520 + VAT. Il-Kunsill ra li l-istima hija korretta u għalhekk qabel li għandu jikkonferma l-għażla.

**35.5 Tmiem il-laqgħa u data tas-seduta li jmiss.**

35.5.1 Il-laqgħa ntemmet fit-8:00 ta' filgħaxija u ġiet aġġornata għal nhar l-Erbgħa 15 ta' Jannar 2019 fl-4:30pm.

**Franco Ciangura**
**Sindku**

**Lucienne Haber**
**Segretarju Eżekuttiv**